# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 26 ta' Frar, 2001**

**Numru: 5**

**Citazzjoni Numru: 221/95 JF**

**John Pace ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Accent Clear Traders Co. Ltd.**

**vs**

**Kenward Cole ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' H.P. Cole Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta' konvenuta ordnat minghand l-attur nomine diversi reklamar u xoghol ta' produzzjoni.

U premess illi, fuq istruzzjonijiet tal-konvenut nomine, is-socjeta' attrici ezegwit ix-xoghol ta' reklamar u produzzjoni fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess socjeta' kovenuta.

U premess illi s-socjeta' konvenuta issa tinsab debitrici lejn l-attur nomine fis-somma ta' tliet mija dsatax-il lira Maltin u sabatax-il centezmu (Lm319.17), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' reklamar u xoghol ta' produzzjoni ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta.

U premess illi, nonostante intepellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont, il-konvenut nomine baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Talab li din l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna:

1. Tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lil-attur nomine is-somma ta’ tliet mija dsatax-il lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm319.17), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' reklamar u xoghol ta’ produzzjoni ezegwiti mis-socjeta’ attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-26 ta’ Lulju 1993 u tat-13 ta’ Jannar 1995, u bl-imghaxijiet legali b’effett mit-13 ta’ Ottubru 1992, kontra l-konvenut nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kenward Cole nomine fejn eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) tak-Kodici Civili.

2. Illi bla pregudizzju x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. Illi s-socjeta' konvenuta ma hix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gustizzja stante illi mhux minnu li r-reklamar u xoghol mertu tal-kawza odjerna gie ordnat mis-socjeta' konenuta.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Ikkunsidrat illi l-attur ghamel xoghol ta' reklamar u artwork li tieghu hu dovut is-somma ta' tliet mija u dsatax-il lira Maltin u sbatax-il centezmu (LM319.17). L-attur qed jippremetti, u kwindi jitlob minghandha, li dan ix-xoghol sar a beneficcju tas-socjeta' H.P. Cole Limited, rapprezentata ghal fini ta' din il-vertenza minn Kenward Cole.

Min-naha l-ohra, is-socjeta' konvenuta eccepiet originarjament il-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2148 (a) tal-Kodici Civili u, bla pregudizzju, li dan ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. B'verbal

datat il-25 ta' Marzu 1996 (fol. 25 tal-process), l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet irtirata mill-konvenut nomine. In segwitu, is-socjeta' konvenuta intavolat eccezzjoni ulterjuri fis-sens li hija ma kienetx il-legittima kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma kienx minnu li r-reklamar u xoghol meritu tal-kawza odjerna gie ordnat minnha.

Mill-provi migbura jirrizulta li l-konvenut nomine kien direttur ta' zewg socjetajiet, jigifieri dik imharrka bhala konvenuta, H.P. Cole Limited, kif ukoll ta' Cole Foods Limited – zewg socjetajiet separati u distinti. Jirrizulta wkoll li fuq medda ta' snin l-attur kien gie mqabbad jaghmel xoghol ta' reklamar u printing <u>ghaz-zewg socjetajiet</u>. Irrizulta wkoll li bhala <u>quantum</u> tas-sorte li dan m'huwiex ikkontestat u lanqas il-fatt li dan baqa' ma thallasx. In-nuqqas ta' qbil principali bejn il-kontendenti huwa dak li filwaqt li l-attur xehed li huwa kien jircievi l-ordnijiet ghax-xoghol minghand il-konvenut nomine u li dan kien imbaghad jidderigih lil liema miz-zewg socjetajiet "jibbilja" jew jaddebita bil-kont relattiv; min-naha l-ohra invece l-konvenut nomine jichad dan u jallega li l-ordnijiet ta' kumpanija minn ohra – jigifieri H.P.Cole Limited u Cole Foods Limited – kienu dejjem mizmumin distinti u separati minn xulxin u li x-xoghol imsemmi fl-att tac-citazzjoni ma sarx a beneficcju tas-socjeta' H.P. Cole Limited imma ghas-socjeta' l-ohra.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggjenti, ikollha tirreferi u toqghod mhux biss fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtijin mill-partijiet imma testendi l-indagni taghha fuq il-provi dokumentali u / jew indizjarji li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Hekk il-Qorti tinnota li nonostante li l-attur kien johrog regolarment talbiet ghal hlas permezz ta' "invoices" jew fatturi – ara dokumenti a fol. 16 sa 19 tal-process – lil H.P. Cole Limited sa minn Ottubru 1992; u minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata ufficjalment fis-26 ta' Lulju 1993 (fol. 21) u fit-13 ta' Jannar 1995 (fol. 23) b'zewg ittri ufficjali u minkejja wkoll li l-istess socjeta' giet imharrka f'dan is-sens fis-17 ta' Frar 1995 – kien biss permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri in data tal-31 ta' Ottubru 1997 li giet sollevata dina l-eccezzjoni li ma kienetx hi l-legittima kontradittur. Kellhom ghalfejn jghaddu hames snin, jigu spediti zewg ittri ufficjali f'medda ta' tliet snin u citazzjoni sentejn wara biex is-socjeta' konvenuta tirreagixxi?!

Illi apparti l-konsiderazzjonijiet suesposti hemm imbaghad id-depozizzjonijiet tal-partijiet. Huwa veru li dawn huma konfliggjenti pero' l-Qorti tosserva li l-insistenza dwar l-illegittimita' sollevata ulterjorment mill-konvenut nomine bdiet tassumi aktar hoss u enfasi wara li giet irtirata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u intavolata l-eccezzjoni ulterjuri.

Fil-fatt ukoll fin-nota tal-eccezzjonijiet originali t-tieni eccezzjoni, dik fil-meritu, kienet tikkoncerna proprju n-natura tax-xoghol esegwit – li implicitament jew indirettament kien jimplika li x-xoghol tassew kien sar ghas-socjeta' konvenuta u mhux li ma kienx. X'sens jaghmel li xi hadd jeccepixxi li x-xoghol li tieghu qieghed jintalab hlas minghandu li jghid li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha meta, skond hu, dan ix-xoghol ma giex ordnat minnu u ma kienx ghalih?!

Illi dejjem dwar ix-xhieda moghtija l-Qorti rriskontrat imbaghad certi asserzjonijiet maghmulin mill-konvenut nomine, l-aktar fil-parti inizjali tal-kawza, li jikkontradixxu dak li gie eccepit ulterjorment minnhu u jsahhu dak li sostna l-attur mill-bidunett. Il-bran segwenti hu elokwenti bizzejjed (ara fol. 34 – 35)

> *"<u>Dr. Norval Desira</u>:- Min ordna x-xoghol?*
>
> *<u>Xhud</u>:- Jiena*
>
> *<u>Dr. Norval Desira</u>:- Cole hija kumpanija? Tista' tghidli l-isem tal-kumpanija?*
>
> *<u>Xhud</u>:- H.P. Cole Limited and Cole Foods are a part and parcel of the same company. U jiena direttur taz-zewg kumpanniji"*

Minbarra dan pero', l-attur ressaq provi ohra konsistenti f'invoices u ricevuti li juru li l-istess konvenut nomine kien ta' sikwit "jikkonfondi"

xoghol ta' kumpanija wahda ma' dik ta' l-ohra ghal dawk li huma ordnijiet, "invoicing" u hlasijiet akkont u ghalhekk ifisser li dak li qieghed jeccepixxi ulterjorment il-konvenut nomine m'huwiex sorrett mill-provi u huwa, fic-cirkostanzi, inattendibbli.

Kwantu mbaghad ghall-eccezzjoni originali fil-meritu dwar xoghol esegwit hazin, jirrizulta mill-provi li ghalkemm il-konvenut nomine jallega u jsemmi xi nuqqasijiet ta' natura teknika f'parti mix-xoghol esegwit u supplit lilu, fl-istess hin jghid li l-istess xoghol jew gie addirittura mibjugh lil terz jew inkella baqa' sal-lum detenut minnu u kwindi ma jistax tabilhaqq jitqies li l-konvenut ghandu ragun f'dak li eccepixxa fil-meritu.

Illi dwar il-<u>quantum</u> mitlub diga' gie osservat <u>supra</u> li dwaru m'hemmx kontestazzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut nomine, tilqa' t-talba attrici kif dedotta u ghall-ammont mitlub kontra l-konvenut nomine u ghalhekk tikkundannah ihallas lill-attur l-ammont ta' Lm319.17 flimkien mal-ispejjez kollha gudizzjarji u bl-interessi kif mitlub fl-att tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md